Nru. 25

ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni (Artiklu 47)

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

TORRI U ĠONNA
FI TRIQ IL-KARTAĠINIŻI
BIRŻEBBUĠA

(ara l-pjanta mehmuża f'paġna 233) jistgħu jkunu ta' valur storiku hekk li għandhom jkunu nklużi fil-lista' ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetajiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk tohroġ Ordni ta' Emerġanza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetajiet msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) It-torri u l-art ta' madwaru fi Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġa, għandhom jitqiesu bħala proprjetajiet ta' Grad 1, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba il-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħhom.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-ebda parti ta' l-imsemmija proprjetajiet.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetajiet imsemmija, li jistgħu jkunu bil-permess, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetajiet jiġu domoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-12 ta' Jannar, 1996

DEVELOPMENT PLANING ACT 1992

Emergency Conservation Order (Section 47)

THE Planning Authority believes that the following property, namely:

TOWER AND GARDENS
TRIQ IL-KARTAĠINIŻI
BIRŻEBBUĠA

(see site plan on page 233) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The tower and surrounding land at Triq il-Kartaġiniżi, Birżebbuġa, is to be considered as a Grade 1 property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act, The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

12th January, 1996


Pretty
Bay
Tower and Grounds
Triq il-Kartaginizi
Birzebbuga
Scale 1:2500
Part of S.S. 5664
N